**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' GUNJU, 2002

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 421/02AE**

**Deborah Cassar**

**Vs**

**Lourdes Camilleri.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm174.11), danni sofferti mill-attrici konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh gewwa Ta' Xbiex fis-16 ta' Jannar 2001 meta waqt li l-konvenuta kienet qeghda ssuq il-vettura numru IBC 814 habtet mal-vettura numru LCA 457,

propjeta tal-attrici u misjuqa minnha, ghal liema incident hija unikament responsabbli l-konvenuta.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta (fol. 11) u permezz ta' liema kkontestat it-talba ta' l-attrici in kwantu m'hijiex responsabbli ghall-incident u l-ammont ta' danni reklamati huma eccessivi.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza inkluz id-dikjarazzjoni li saret mill-attrici fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2002 u li permezz taghha rtirat it-tieni eccezzjoni taghha.

Ikkunsidra:

1. Fis-16 ta' Jannar 2001 gewwa Ta' Xbiex sehh incident tat-traffiku bejn il-vettura LCA 457 (misjuqa mill-attrici) u l-vettura bin-numru IBC 814 (misjuqa mill-konvenuta).

2. L-attrici kienet ghaddejja minn Triq Abate Rigord, filwaqt li l-konvenuta harget minn fuq *stop sign* biex taqsam Triq Abate Rigord u tidhol f'Garden Street, Gzira.

3. Skond ma xehdet il-konvenuta (seduta tat-23 ta' Mejju 2002):

(a) Qabel ma bdiet il-manuvra sabiex taqsam Triq Abate Rigord, hija harset fuq iz-zewg nahat u rat li ma kienet gejja l-ebda vettura;

(b) Il-karrozza misjuqa mill-attrici ratha l-ewwel darba mill-mera tan-nofs. Tikkonferma li f'dak il-hin il-vettura taghha kienet angolata;

(c) Meta kienet qasmet nofs Triq Abate Rigord, regghet harset fuq ix-xellug taghha u ma rat l-ebda karrozza gejja minn fuq ix-xellug taghha;

(d) L-incident sehh fi Triq Abate Rigord, meta kienet xi zewg metri l-boghod minn Garden Street.

4. Wara li t-Tribunal qies il-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, huwa tal-fehma li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni. Gie stabbilit li l-konvenuta ghamlet manuvra li permezz taghha qasmet triq principali (Triq Abate Rigord). M'huwiex verosimili li, kif xehdet il-konvenuta, harset fuq ix-xellug taghha kemm qabel ma qalghet minn fuq l-*istop sign* u meta kienet qasmet nofs Triq

Abate Rigord. Li kieku kien hekk zgur li kienet tara l-vettura misjuqa mill-attrici gejja minn fuq ix-xellug taghha. Dik il-parti tat-triq minn fejn kienet gejja l-attrici hija ghat-tul u m'hemm xejn x'jostakola l-vizwali ta' min, bhall-konvenuta, ried jaqsam Triq Abate Rigord. Manuvra li minnha nnifisha hija perikoluza u kellha ssir bl-ikbar cirkospezzjoni mehud ukoll in konsiderazzjoni li biha taqsam il-*flow of traffic*. Kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Pawlu Borg** (Vol. XXXVI.i.797): *"ghalkemm sewwieq ghandu joqghod attent sia jekk ikun fuq triq dritta kemm jekk ikun se jidhol fiha, huwa principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi li sewwieq li se jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak is-sewwieq fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni li hu jkun se jaqsam li stream of traffic li jkun hemm fuq it-triq dritta: mentri s-sewwieq fuq it-triq id-dritta ladarba se jkompli ghad-dritt ma jkun se jfixkel lil hadd"*.

5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-kawza prossima ta' l-incident tinsab fil-fatt li l-konvenuta hadet riskju li sewwieq prudenti ma kellux jiehu, billi minflok baqghet fejn kienet wieqfa sakemm tghaddi l-karrozza misjuqa mill-attrici, qabdet u qasmet Triq Abate Rigord u b'hekk giet li uzurpatilha r-*right of way*. Mill-provi rrizulta li l-incident sehh fi Triq Abate Rigord u l-konvenuta stess ikkonfermat li l-attrici kienet qeghda ssuq fil-karreggjata t-tajba.

6. Il-konvenuta nsistiet li kien hemm ammissjoni ta' htija da parti ta' l-attrici. Ammissjoni trid tkun wahda cjara u univoka (ara f'dan ir-rigward **Joseph Vincent Rausi nomine vs Joseph Muscat** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (JSP) fil-5 ta' Ottubru 1992). L-attrici cahdet b'mod kategoriku li hija ammettiet li kienet responsabbli ghall-incident. Fic-cirkostanzi t-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni li kien hemm ammissjoni min-naha ta' l-attrici.

7. Id-danni reklamati ma gewx kontestati, tant hu hekk li fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2002 l-konvenuta irtirat it-tieni eccezzjoni. F'kull kaz l-attrici ppruvat b'mod sodisfacenti l-ammont mitlub.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-16 ta' Jannar 2001 gewwa Ta' Xbiex.

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u hdax-il centezmu (Lm174.11).

Bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**